

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati  
Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

Svezja

**1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?**

Għalissa mhux possibbli li wieħed jagħmel rikors gurantament għal kawża ċivili bl-internet. Rikors ġuramentat irid jiġi ppreżentat bil-miktub u jkun iffirmat personalment mir-rikorrent jew mir-rappreżentant tiegħu. Ir-rekwiżit tal-firma tisser li rikors ma jistax jintbagħat elettronikament.

Fi proċedimenti sommarji, talba għal ordni ta' 'ħlas tista' tiġi ppreżentata quddiem l-Awtorità Żvediża tal-Eżekuzzjoni (*Kronofogdemyndigheten*) bl-internet.

**2 Jekk proċedura bħal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?**

Kif jirriżulta mit-tweġiba għall-mistoqsija 1, dan huwa possibbli biss fi proċedimenti sommarji.

**3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

**4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

**5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

**6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

**7 Għandhom jiġihallu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jiġihallu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

It-talbiet elettroniċi lill-Awtorità Żvediża tal-Eżekuzzjoni għal ordni ta' 'ħlas iridu jiġu ffirmati b'firma elettronika avvanzata kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE.

L-Awtorità Żvediża tal-Eżekuzzjoni tista' tagħti eżenzjoni mir-rekwiżit tal-firma jekk persuna tkun mistennija tippreżenta għadd kbir ta' talbiet b'mod sikur u teknikament xieraq. Jekk azzjoni għal ordni ta' 'ħlas tiġi ttrasferita lill-qorti biex titrattaha bħala kawża normali, ma jkunx meħtieġ li tiġi pprovduta firma fiżika fil-mument mat-talba elettronika.

**8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdew permezz tal-internet?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

**9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti. Madankollu, kif jirriżulta mit-tweġiba għall-mistoqsija 12, normalment ikun possibbli li tiġi ppreżentata risposta tal-intimat u dokumenti ġudizzjarji oħrajn li ma hemmx għalfejn jiġu ffirmati personalment bl-internet.

**10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

**11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?**

Ma hemm l-ebda servizz bl-internet biex tiftaħ kawża l-qorti.

**12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?**

Dokumenti li ma hemmx b'zonn jiġu ffirmati personalment jistgħu jintbagħtu elettronikament. Dan ifisser li huwa possibbli, fil-prinċipju, li d-dokumenti kollha għajr ir-rikors ġuramentati jintbagħtu elettronikament. Il-qorti tista', madankollu, tiddeċiedi f'kawża individuali li dokument li jkun ġie ppreżentat elettronikament irid ikun ikkonfermat mill-mittent permezz ta' dokument oriġinali ffirmat.

**13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?**

Ma hemm xejn li jippreveni qorti milli tibgħat dokument elettronikament u li l-wasla tad-dokument tkun ikkonfermata bil-posta elettronika, pereżempju, jekk dan jitqies li jkun xieraq skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-*data* personali, eċċ.

**14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?**

Sentenza tintbagħat bil-posta, sakemm ma jkunx hemm parti li titlob biex ma jsirx hekk. Meta jkun xieraq, pereżempju fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar id-*data* personali fis-seħħ, id-dokumenti jistgħu minflok jintbagħtu bil-faks jew bil-posta elettronika, jew ikunu aċċessibbli f'forma elettronika oħra.

**15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?**

Tista' tiftaħ appell bil-posta elettronika. Meta jkun hemm b'zonn, il-qorti tista' titlob li dak l-appell ikun ikkonfermat mill-mittent permezz ta' dokument oriġinali ffirmat.

Fir-rigward tan-notifika tal-proċess, ara t-tweġiba għall-mistoqsija nru 13.

**16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?**

Talba għall-eżekuzzjoni tista' ssir mill-parti intitolata jew mir-rappreżentant tagħha, verbalment jew bil-miktub. Talba verbali tirrikjedi li l-parti li qed titlob l-eżekuzzjoni tikkuntattja lill-Awtorità Żvediża tal-Eżekuzzjoni. Talba bil-miktub trid tkun iffirmita mill-parti li qed titlob l-eżekuzzjoni jew mir-rappreżentant tagħha. L-Awtorità Żvediża ta' Eżekuzzjoni tista', madankollu, tippermetti li parti li tkun qed tibgħat għadd kbir ta' talbiet tibgħathom elettronikament.

**17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?**

Le.

L-aħħar aġġornament: 02/09/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.